VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,835, 25 ta' Novembru, 2011
Taqsima B

A.L. 461 tal-2011

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA (KAP. 423)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tħaffir ta' *Boreholes* u x-Xogħol ta' Tħaffir f'Żona ta' Saturazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 (1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tħaffir ta' *Boreholes* u x-Xogħol ta' Tħaffir f'Żona ta' Saturazzjoni, u dawn għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2008 dwar it-Tħaffir ta' *Boreholes* u x-Xogħol ta' Tħaffir f'Żona ta' Saturazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 254 tal-2008.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "korp ta' ilma ta' taħt l-art" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "korp ta' ilma ta' taħt l-art konfinat ta' ilma mielaħ" tfisser korp ta' ilma ta' taħt l-art ta' ilma mielaħ li jkun sovrastat minn sodda konfinanti liema sodda konfinanti jkollha konduttività idrawlika sinifikattivament anqas mill-formazzjoni akwifera li żżomm il-korp ta' ilma ta' taħt l-art ta' ilma mielaħ;" u

(b) minflok it-tifsira "*seawell*" għandu jidħol dan li ġej:-

"*seawell*" tfisser *borehole*:

(a) li tieħu minn korp ta' ilma ta' taħt l-art

VERŻJONI ELETTRONIKA

tal-ilma mielaħ li jinsab taħt u li jkun f'kuntatt fiżiku dirett ma' korp tal-ilma ta' taħt l-art tal-ilma ħelu mal-livell tal-baħar u li tkun imħaffra f'distanza ta' mhux iżjed minn 150 metru mill-eqreb punt mill-kosta, u li għaliha jinbena *casing* skont dawn ir-regolamenti; jew

(b) li tieħu minn korp ta' ilma ta' taħt l-art tal-ilma mielaħ li ma jkunx f'kuntatt fiżiku dirett ma' korp ta' ilma ta' taħt l-art tal-ilma ħelu.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subregolamenti (3) u (4), għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Kull persuna meta tħaffer *seawell* għandha:

(a) meta s-*seawell* tinsab f'distanza ta' mhux iżjed minn 50 metru mill-eqreb punt mill-kosta tibni *casing* għas-*seawell* li jkun ta' fond minimu ta' 10 metri taħt il-livell tal-baħar; jew

(b) meta s-*seawell* tinsab f'distanza ta' bejn 50 metru u 100 metru mill-eqreb punt mill-kosta tibni *casing* għas-*seawell* li jkun ta' fond minimu ta' 25 metru taħt il-livell tal-baħar; jew

(ċ) meta s-*seawell* tinsab f'distanza ta' bejn 100 metru u 150 metru mill-eqreb punt mill-kosta tibni *casing* għas-*seawell* li jkun ta' fond minimu ta' 50 metru taħt il-livell tal-baħar; jew

(d) meta s-*seawell* tieħu minn korp ta' ilma ta' taħt l-art ta' ilma mielaħ li ma jkunx f'kuntatt fiżiku dirett ma' korp ta' ilma ta' taħt l-art tal-ilma ħelu, tibni *casing* mas-*seawell* mill-wiċċ sa fond minimu ta' sitt metri taħt il-parti komuni bejn it-tafal blu u l-ġebla tal-franka.

(4) Wara li titħaffer *seawell*, il-persuna li tkun applikat mal-Awtorità għall-permess ta' tħaffir tas-*seawell* skont is-subregolament (1) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti għandha minnufih tiżgura

VERŻJONI ELETTRONIKA

li jitwettqu testijiet xierqa dwar il-kwalità tal-ilma li jistabbilixxu l-konduttività elettrika tal-ilma estratt mis-*seawell* li għandhom jitwettqu minn laboratorju akkreditat u li r-riżultati ta' dawk it-testijiet ikunu minnufih mgħarrfa lill-Awtorità. Dawk it-testijiet dwar il-kwalità tal-ilma għandhom jitwettqu ukoll mill-utent tas-*seawell* fuq bażi regolari, kif dirett mill-Awtorità. Meta b'dawk it-testijiet dwar il-kwalità tal-ilma jirriżulta li dak l-ilma jkollu livell ta' konduttività elettrika ta' inqas minn 50,000 μS/cm, l-utent tas-*seawell* għandu minnufih jgħarraf lill-Awtorità dwar il-kwalità tal-ilma estratt u għandu jieqaf milli jieħu l-ilma minn dak is-*seawell* għal dak il-perjodu ta' żmien li l-Awtorità tista' tiddeċiedi dwaru." u

(b) minnufih wara s-subregolament (4) għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(5) L-Awtorità tista' f'kull waqt tordna l-waqfien tal-estrazzjoni tal-ilma minn sors u, jew tordna l-għeluq ta' *seawell*, meta l-Awtorità tistabbilixxi li l-estrazzjoni tal-ilma minn xi *seawell* jista' jkollha impatt negattiv fuq l-i*status* kwantitattiv u, jew kwalitattiv ta' korp tal-ilma ta' taħt l-art tal-ilma ħelu.".